**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 30 ta' Mejju, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann Fenech)**
**vs**

**Owen Scicluna, detentur tal-karta tal-identità 157692M**

***Kumpilazzjoni Nru. 150/2017***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Owen Scicluna u ċioè talli:

Bejn Ottubru, 2016 u Frar, 2017, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin, ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Liġi, u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex igiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ bi ħsara ta' diversi sidien ta' hwienet madwar Malta u l-kumpanija Price Breakers ta' Hal Far, liema ammont ta' hsara teccedi l-€500 izda ma teccedix il-€5,000;

2. bi ħsara tal-istess sidien u l-kumpanija, għamel xi qligħ ieħor b'qerq.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li waqt l-udjenza tal-15 ta' Mejju, 2017, mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputat, in-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, il-fedina penali tieghu li ma tohloq ebda preokkupazzjoni ghal Qorti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha l-ohra tal-kaz *inter alia* tal-fatt li l-parte civile wera li lest jaghti zmien lill-imputat sabiex jaghmel tajjeb ghad-danni kawzati minnu. Hija l-fehma tal-Qorti li l-imputat jinhtieg jinghata l-opportunita` sabiex jitghallem mill-izbalji tieghu filwaqt li jkun f'posizzjoni ihallas il-hsara kawzata bl-ghemil minn tieghu. Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi piena karcerarja certament mhix wahda idoneja.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17, 31, 308, 309, 310(1)(b) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn millum.

Inoltre` wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati jhallas lil-parte leza is-somma ta' €988.12 fi zmien 10 xhur millum ratejalment.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**